**22. Il-Vici Prim Ministru, Ministru tal-Intern u Ġustizzja, l-Onor. Guido De Marco j**ipproponi:

"Illi minkejja kull provvedimenti oħra fl-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra, dan li ġej għandu jirregola l- proċedura dwar dawn l-Abbozzi ta' Liġi:

(a) Abbozz ta' Liġi dwar il-Konvenzjoni Ewropea;

(b) Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar is-Servizz ta' l- Impiegi;

(ċ) Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha; u

(d) Abbozz ta' Liġi dwar l-Investigazzjoni ta' Inġustizzji.

(1) Illi dawn l-Abbozzi ta' Liġi jkunu dikjarati urġenti, u aktar minn stadju wieħed ta' kull Abbozz ta' Liġi jkun jista' jittieħed fl-istess seduta;

(2) Illi l-kumplament tad-diskussjoni fuq l-Abbozz ta' Liġi dwar il-Konvenzjoni Ewropea, fl-istadji tiegħu kollha, m'għandux jieħu aktar minn seduta waħda;

(3) Illi d-diskussjoni fuq l-Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar is-Servizz ta' l-Impiegi, fl-istadji tiegħu kollha, m'għandhiex tieħu aktar minn żewġ seduti;

(4) Illi d-diskussjoni fuq l-Abbozz ta' Liġi li jemenda l- Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, fl-istadji tiegħu kollha, m'għandhiex tieħu aktar minn seduta waħda;

(5) Illi l-kumplament tad-diskussjoni fuq l-Abbozz ta' Liġi dwar l-Investigazzjoni ta' Inġustizzji fl-istadji tiegħu kollha, m'għandux jieħu aktar minn żewġ seduti;

(6) Illi fis-seduta li fiha għandha tintemm id-diskussjoni, f'każ ta' dawn l-erba' Abbozzi ta' Liġi, id-diskussjoni għandha tieqaf fil-ħin ta' l-interruzzjoni tax-xogħol meta s-Sedja tqiegħed mingħajr diskussjoni kull mistoqsija li jkun hemm bżonnu biex tintemm il-proċedura kollha meħtieġa dwar it-Tieni Qari u l-Kumitat ta' l-Abbozzi ta' Liġi li jkun qed jiġi diskuss.

Iżda anke meta jkun għadda l-ħin ta' l-interruzzjoni tax- xogħol, Ministru jkun jista' jressaq emendi u klawsoli ġodda li fuqhom titqiegħed il-mistoqsija mingħajr diskussjoni; u Ministru jista' wkoll jitlob il-konsiderazzjoni mill-ġdid fil-Kumitat, fejn il-mistoqsija fuq emendi jew klawsoli ġodda titqiegħed mingħajr diskussjoni; u

Illi wara li jkun ġie rrapportat il-Kumitat, jew il- konsiderazzjoni mill-ġdid fil-Kumitat, il-Kamra tgħaddi minnufih għat-Tielet Qari ta' l-Abbozz ta' Liġi li jkun quddiemha, u jekk tintalab votazzjoni f'dan il-każ, din għandha tittieħċed ħames minuti biss wara li tkun intalbet.

(7) Illi jekk jintalbu votazzjonijiet fi kwalunkwe stadju ta' dawn l-erba' Abbozzi ta' Liġi, minbarra l-istadju tat-Tielet Qari, il-ħin ta' dawn il-votazzjonijiet ma jiżdiedx mal-ħin ta' l-interruzzjoni tax-xogħol tas-seduta li tkun; u illi l- votazzjonijiet kollha li jintalbu waqt is-seduta jittieħdu fil-ħin ta' l-interruzzjoni tax-xogħol ta' dik is-seduta, billi l-ewwel votazzjoni

tittieħed wara ħames minuti mill- ħin ta' l-interruzzjoni tax-xogħol u l-votazzjonijiet l-oħra kollha, jekk ikun hemm, jittieħdu mmedjatament warajha; u

(8) Illi żewġ seduti jistgħu jinżammu fl-istess ġurnata, waħda fil-għodu u l-oħra wara nofs inhar ta' l-istess ġurnata sakemm tintemm id-diskussjoni kollha fuq dawn l-erba' Abbozzi ta' Liġi; u li f'każ ta' seduti fil-għodu, il-Kamra tiltaqa' fl-10.00 a.m., il-ħin ta' l-interruzzjoni tax-xogħol ikun fis-1.00 p.m.; u li jekk il-Kamra tiltaqa' nhar il-Ħamis jkun jista' jsir biss xogħol tal-Gvern.

04.08.87

**L-Onor. Ġużè Cassar ressaq din l-Emenda "A"**

"1. Ħassar il-paragrafu 1
Delete Paragraph 1

2. Ħassar il-paragrafu 5
Delete paragraph 5.".

**L-emenda m'għaddietx.**

**L-Onor. Dom Mintoff ressaq din l-Emenda “B”:**

"Paragrafu Nru. 2:

Ħassar il-kliem "m'għandux jieħu aktar minn seduta waħda", u daħħal minflok il-kliem "għandu jingħata mhux inqas minn erba' seduti, jiġifieri, mill-inqas seduta għat-Tieni Qari, u mill-anqas tliet seduti għall-Istadju ta' Kumitat, li b'kollox jammontaw għal mhux anqas minn għaxar siegħat biss ta' dibattitu."

**L-emenda m’għaddietx.**

**L-Onor. Vincent C Moran ressaq din l-Emenda “C”:**

Fl-introduzzjoni tal-Mozzjoni neħħi l-paragrafu c; kif ukoll neħħi l-paragrafu 4.

In the introduction of the Motion delete paragraph c; delete also paragraph 4."

**L-emenda m’għaddietx.**

**L-Onor. Lorry Sant ressaq din l-Emenda “D”:**

"Paragrafu 3:

Ħassar il-kliem: "m'għandhiex tieħu aktar minn żewġ seduti" u daħħal minflok il-kliem "għandha tieħu mill-inqas sitt seduti, jiġifieri, mill-anqas tliet seduti għat-Tieni Qari, u mill-inqas tliet seduti għall-istadju tal-Kumitat, jiġifieri, mill-anqas ħmistax-il siegħa b'kollox.".

**L-emenda m’għaddietx.**

**Il-mozzjoni għaddiet fis-Seduta Nru 6 tas-7 ta’ Awwissu 1987.**